MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 580/2012

**Appell Nru: 580/2012 MM**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Shilo Curmi**

Illum 28 ta' Novembru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-appellant Shilo Curmi, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 384680M akkuzat talli:

talli nhar id-19 t'Ottubru 2012, gewwa l-Floriana:

1. Bl-imgieba tieghu kkaguna lil ommu Anna Curmi detentrici tal-karta ta’ l-identita bin-numru 0050159M, biza’ li se tintuza vjolenza kontriha meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil ommu Anna Curmi biza’ li ser tintuza vjolenza kontriha f’xi okkazjoni.

2. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi gab ruhu b’mod lit a fastifju lil ommu Anna Curmi u’jew b’mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta’ fastidju ghal ommu Anna Curmi.

3. U aktar talli fl-istess zmien u okkazjoni ngurja u/jew hedded lil Anna Curmi u dan bi ksur ta’ Artiklu 339(1)(e) ta’ Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni operattiv ta’ liberta’ kondizzjonata ta’ sentenza moghtija mill-Qorti ta’ Malta, presjeduta mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D. nhar il-5 ta’ Jannar 2012, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba mill-Prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija, tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Anna Curmi u r-residenza taghha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba mill-Prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Anna Curmi ai termini ta’ l-Artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati mghotija fit-22 ta’ Novembru, 2012 fejn il-Qorti **wara li rat l-Artikoli 251A (1)(a)(b), 251B(1)(2), u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9, tiddeciedi li issib lill-imputat SHILO CURMI hati tal-akkuzi kif ammessi minnu stess u tikkundannah ghall-hames xhur prigunerija effettivi.**

**Taghti r-rakomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin sabiex jghin lill-imputat fil-**

**problema ta' abbuz ta' droga f'kaz li jigi mitlub l-ghajnuna.**

Fliet l-atti processwali;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat.

Rat ir-rikors ta' Shilo Curmi fejn talab lil din il-qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabithu hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u tvarjha in kwantu ghal piena u dan billi tipprovdi piena aktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant Shilo Curmi:

Illi sfortunatament l-esponent ghandu problemi ta' dipendenza fuq id-droga u problemi personali u psikologici ohra.

Illi dakinhar tal-incident l-esponent kien talab lil ommu tirrtornalu xi flus li kienet qed izzomlhu. Din hassitha fid-dover li tirrifjuta minhabba li bezghat li ser juza l-flus ghal-skopijiet illeviti. Minhabba f'dan ghalhekk sbruffa l-incident in kwistjoni.

Illi dawn ic-cirkostanzi partikolari u ta' natura domestika ghanhom indubjament jittiehdu konsiderazzjoni ghal xi tip ta' pieni hija idonea.

Illi f'dan ir-rigward ghandu jinghad li wara dan l-incident, l-appellant irrikoncilja pjenament m'ommu u mal-genituri tieghu li qed jghinuh kemm jistghu sabiex isib skop fil-hajja u jsib it-triq it-tajba.

Illi fil-frattemp l-esponent qieghed fi process biex jidhol f'dar l-impenn sabiex jiehu l-ghajnuna li ghandu bzonn.

Illi fl-isfond ta' dan kollu ghalhekk jirrizulta li piena karcerarja mhux dik idonea peress li aktar minn kastig huwa ghandu bzonn l-ghajnuna.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fid-19 ta' Ottubru, 2012 l-appellant kellu kwistjoni ma ommu Anna Curmi fejn ikkagunalha l-biza` li se tintiza l-vjolenza kontriha, taha fastidju, ingurja jew heddidha u dana kollu meta kien taht ordni operattiv ta' liberta kondizzjunata ta' Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati. B'verbal ta' l-20 ta' Ottubru, 2012 l-appellant irregistra ammissjoni u l-Qorti ghaddiet biex tiddeciedi fil-konfront tieghu u b'Sentenza tat-3 ta' Dicembru, 2012 ikkundannat lill-appellant ghal hamses xhur prigunerija effettiva.

L-appellant hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell peress illi deherlu illi l-piena fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva peress illi sfortunatament ghandu problema ta' dipendenza fuq id-droga u problemi personali u pskologici ohra. L-incident inqala peress illi l-appellant kien talab lil ommu tirritornalu xi flus illi kienet qed izzomlu, dina hassitha fid-dover li tirrifjuta peress illi ssuspettat illi seta' juzahom ghal skopijiet illeciti. L-appellant allura infexx f'agressjoni kontra ommu u anke heddidha bil-vjolenza. L-appellant deherlu illi dana kien incident ta' natura domestika u l-Ewwel Qorti kellha indubjament tiehu dan inkonsiderazzjoni fl-ghoti tal-piena u ghalhekk ma kienx jisthoqlu piena karcerarja aktar u aktar meta llum irrikoncilja ruhu pjenament ma ommu u ma missieru.

Ikkunsidrat :

Din il-Qorti semghet ix-xhieda ta' Anna Curmi, omm l-appellant fejn iddikjerat illi kienet lesta illi tahfirlu basta illi jaghmel xi haga ghall-gid bhal Programm u kura medika. L-appellant jargumenta illi qed jaghmel hiltu kollha sabiex jirrientigra ruhu mas-socjeta u quindi l-Ewwel Qorti kellha tiehu dan fil-konsiderazzjonijiet taghha.

Ikkunsidrat :

L-Ewwel Qorti hadet hafna in konsiderazzjoni meta giet biex twiezan il-kaz kontra l-appellant u waslet ghall

konkluzjoni illi ma kinitx konvinta minn dak li xtaq jaghmel u dan ghaliex kif stqarr is-Social Worker tieghu l-appellant mhuwiex interessat jaghmel programm residenzjali. Ikkonkludiet illi l-appellant huwa persuna agrssiva fl-imgieba tieghu u jahseb illi kullhadd ghandu joqghod ghal dak illi jghid hu u ma setghetx thalli lill-appellant barra fit-triq qisu xejn ma kien xejn. Qieset ukoll illi l-agressjoni ta' l-appellant ma kienetx diretta biss lejn il-familjari izda lejn is-socjeta ingenerali sahansitra anki lejn l-avukat tieghu illi deheret ghal kull seduta biex tassistih u minn flok quddiem kullhadd fl-Awla stqarr illi hija mhijiex qed tghinu sabiex ihejji d-difiza tieghu tant li hija rrinunzjat ghal kaz seduta stante. L-Ewwel Qorti qieset illi l-Qrati taw diversi opportunitajiet lill-appellant sabiex jirriforma ruhu, madankollu l-appellant wera bic-car illi ma fehemx l-import tat-tali opportunitajiet li nghatawlu u anki fil-pendente lite kompla jabbuza bid-droga, ghalhekk dehrilha illi l-akkuza fil-konfront ta' l-appellant kienet ippruvata u kienet sodisfatta illi dana kkommetta reat kontra ommu billi ikkrea vjolenza u biza' fuq il-persuna taghha. Rat ukoll illi mill-fedina penali tieghu jirrizulta illi l-appellant kiser difrejh mal-Ligi ghalmenu f'erba' okkazjonijiet ohra u nghata Probation Orders u Conditional Discharge ghalkemm ir-reati kienu serji u ghal din id-darba l-Qorti dehrilha illi kellha tuza id iebsa ma l-appellant kif fil-fatt ghamlet.

Ghal dak li jirrigwardja l-piena l-principju regolatur huwa li mhux normali illi l-Qorti ta' l-appell tiddisturba d-diskrizzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkuntidhol fil-parametri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi dina kellha tkun mod iehor. Din il-Qorti taqbel ma l-argumenti ta' l-Ewwel Qorti illi hemm bzonn illi tintuza id iebsa kontra l-appellant u illi n-natura agressiva tieghu mhi se twassal imkien jekk mhux ghal aktar perjodu ta' prigunerija effettiva. Ghalhekk din il-Qorti thoss illi l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragunevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-konkluzjoni tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------